Quddiemi Nutar **Dottor** ____________________
qegħdin jidhru personalment wara li l-identità tagħhom ġiet konfermata permezz tad-dokumenti hawn taħt imsemmija.

Min-naħa 'l-waħda:

______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________ fuq dan l-att f'isem u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u dan kif debitament awtorizzat permezz ta' Board Minute tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet numru
______________________________________
______________________________________
datata______________________________________
______________________________________
______________________________________,
għan-nom u in rappreżentanza **tal-Awtorità tal-Artijiet,** minn hawn 'il quddiem ______________ bħala **' il-Gvern ta' Malta'**.

Il-karti relattivi għal dan l-att huma mmarkati bhala ittra 'L' numru elf seba' mija u tlettax żbarra sittin żbarra numru Ruman wieħed żbarra wieħed (L 1713/60/I/1).

U min-naħa 'l-oħra :

______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________
______________________________________

kif debitament awtorizzat ______________________________________________ ______________________________________________ ______________________________________________ ______________________________________________ ______________________________________________ ______________________________________________, hawn aktar ´l isfel _______________ **'l-Università ta' Malta'.**

Qabel xejn il-partijiet jiddikjaraw u jippremettu dan li ġej:

Illi bis-saħħa ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati datata ______________________________________________ ______________________________________________, ġie ordnat t-trasferiment mill-Gvern ta' Malta favur -Università ta' Malta ta' biċċa art; jiġifieri, sqaq ġewwa Tal-Qroqq, l-Imsida tal-kejl ta' madwar mitejn u sebgħa u għoxrin metru kwadru (227m.k), aċċessibbli minn Triq San Ġwann tal-Għargħar u jmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Università ta' Malta jew irjieħ oħra aktar korretti u verjuri. L-imsemmija art hija murija f'bordura bil-kulur aħmar fuq il-pjanta indikata bħala *Property Drawing* ittri 'P.D' numru elfejn u sbatax *underscore* żero tnejn żero erbgħa (P.D. 2017_0204), hawn annessa u markata bħala <u>dokument ittra "A".</u>

Għaldaqstant, bis-saħħa ta' dan l-att, il-Gvern ta' Malta qiegħed jassenja u jittrasferixxi b'titolu ta' **<u>donazzjoni irrevokabbli</u>** favur l-Università ta' Malta li bl-istess titolu ta' donazzjoni irrevokabbli qiegħda taċċetta u takkwista l-biċċa art hawn fuq deskritta; jiġifieri, is-sqaq ġewwa Tal-Qroqq, l-Imsida tal-kejl ta' madwar mitejn u sebgħa u għoxrin metru kwadru (227m.k), aċċessibbli minn Triq San Gwann tal-Għargħar u tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Università ta' Malta jew irjieħ ohra aktar korretti u verjuri, u dan hekk kif tidher f'bordura bil-kulur aħmar fuq il-pjanta indikata bħala *Property Drawing* ittri 'P.D' numru elfejn u sbatax *underscore* żero tnejn żero erbgħa (P.D. 2017_0204), annessa ma' dan l-att u mmarkata bħala dokument ittra "A" li għaliha hawn referenza iżjed 'il fuq.

Din id-donazzjoni qiegħda ssir u tiġi aċċettata bil-valur ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000), liema valur il-partijiet qegħdin jiddikjaraw illi huwa veru, ġust u reali, u dan wara li jiena Nutar sottoffirmat wissejt lill-partijiet dwar l-importanza tal-verità ta' din id-dikjarazzjoni tagħhom skont il-liġi.

Dan it-trasferiment qiegħed isir bil-kundizzjoni li l-art hawn trasferita għandha f'kull żmien tintuża esklussivament għal dak l-iskop li ġiet esproprijata, jiġifieri, biex tifforma parti minn proġett meqjus li hu fl-interess u għal skop pubbliku konsistenti f'Residenza Universitarja u

Kumpless Komunitarju (University Residence and Community Complex).

Għall-fini u effetti tal-liġi, il-partijiet qegħdin jiddikjaraw illi fuq din il-porzjoni art m'hemm xejn mibni.

Għall-fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kapitolu tliet mija erbgħa u sittin (Kap.364)] tal-Liġijiet ta' Malta], qiegħed jiġi ddikjarat illi t-taxxa dovuta mill-Università ta' Malta tammonta għas-somma ta' sitt elef seba' mija u ħamsin Ewro (€6,750).

Għall-fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kapitolu tliet mija erbgħa u sittin (Kap.364)] tal-Liġijiet ta' Malta], qiegħed jiġi ddikjarat illi l-Gvern ta' Malta akkwista l-art in vendita permezz ta' notifika tal-Gvern numru elf mija u ħamsin (1150) ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Għall-finijiet tal-Att dwar Taxxa fuq l-*Income* [Kapitolu mija tlieta u għoxrin (Kap.123) tal-Liġijiet ta' Malta], qiegħed jiġi ddikjarat illi ebda taxxa ma hija dovuta fuq dan l-att peress li l-Gvern ta' Malta huwa eżentat minn ħlas ta' taxxi.

Għall-fini tal-Att dwar Reġistrazzjoni tal-Artijiet qiegħed jiġi ddikjarat li l-art assenjata bis-saħħa ta' dan l-att tinsab reġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta permezz ta' titolu numru erbgħa wieħed żero żero tnejn wieħed ħamsa tlieta (41002153).

Għall-finijiet tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti tas-sena elf disa' mija erbgħa u sebgħin (1974), Kapitolu mitejn sitta u erbgħin (246) tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi ddikjarat minn ________________ li qiegħed jidher fuq dana l-att in rappreżentanza tal-Università ta' Malta, illi l-Università ta' Malta tikkwalifika sabiex takkwista l-proprjetà immobbli trasferita mingħajr bżonn ta' permess għall-akkwist tal-proprjetà minn persuni mhux residenti minħabba illi l-Università ta' Malta hija entità mwaqqfa f'Malta. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara illi jiena Nutar sottoffirmat spjegajtilhom l-importanza tal-verità tagħha skont il-Liġi.

Għall-fini tas-Sub-Artikolu tnax (12) tal-Artikolu ħamsa ittra kapitali A (5A) tal-Kapitolu numru mija tlieta u għoxrin (123) tal-Liġijiet ta' Malta dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, il-partijiet qegħdin jiddikjaraw illi huma ddikjaraw lili Nutar sottofirmat il-fatti kollha li jiddeterminaw jekk it-trasferiment huwiex wieħed li japplika għalihom dan l-artikolu imsemmi u li jkunu rilevanti sabiex jiġi aċċertat l-ammont xieraq ta' taxxa li għandha titħallas jew xi eżenzjoni, inkluż il-valur li, fl-opinjoni tagħhom, juri raġonevolment il-valur fis-suq tal-imsemmija proprjetà jekk dan il-

valur ikun ogħla mill-prezz tat-trasferiment. Jiena Nutar sottoffirmat niddikjara illi wissejt il-partijiet bl-importanza tal-veraċità ta' dina d-dikjarazzjoni tagħhom.

L-ispejjeż ta' dan l-att jitħallsu mill-Università ta' Malta.

Il-partijiet qeghdin jaqblu illi dan il-kuntratt ghandu jigi regolat skont il-Ligijiet ta' Malta u kwalunkwe talba, kontroversja jew tilwim li joħorġu minn jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-kuntratt jew inkella ksur, it-tmiem jew l-invalidità ta' l-istess kuntratt, għandhom jiġu deċiżi mill-Qrati ta' Malta.

Għall-finijiet tat-tieni proviso tas-Sub-Artikolu numru ħamsa (5) tal-Artikolu numru erbgħa u tmenin ittra 'C' (84C) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu ħamsa u ħamsin (Kap 55) tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi ddikjarat illi bil-paragrafu ittra 'd' tar-regolament numru erbgħa (4) tal-Avviż Legali numru tlett mija u ħamsa u ħamsin tas-sena elfejn u tnax (A.L. 355 tal-2012) dwar l-Eżami tat-Titolu, in-Nutar huwa eżentat *'ipso iure'* milli jeżamina t-titolu fir-rigward tal-immobbli b'dana l-att donat u l-akkwirent jiddikjara li jiena Nutar sottoffirmat spjegajtlu l-importanza u l-konsegwenzi ta' din l-ezenzjoni.

Magħmul moqri u ippubblikat wara li saret id-debita ċerzjorazzjoni rikjesta mil-liġi f' Malta, il-Belt Valletta, fi Triq San Bastjan, fl-Uffiċċju ta' l-Awtorità tal-Artijiet, fil-Berġa tal-Baviera, mingħajr numru.







**Site Plan** **Scale:** 1:2500

**S.S.** 5273 **Map Ref.** 53137 73441

## ACQUISITION No.19814




ACQUISITION I/C/W UNIVERSITY RESIDENCE AND COMMUNITY CENTER

**GOVERNMENT PROPERTY DEPARTMENT**
**ESTATE MANAGEMENT DIRECTORATE**

| | |
|---|---|
| **LOCALITY:** MSIDA | |
| **P.D. NO:** 2017_0204 | **SCALE** 1:500 |
| **FILE:** L1713/60/I | **DRAWN BY:** borgh002 |
| **(sgd. J. Schembri)** A&CE DATE:10/03/2017 | **(sgd. E. Darmanin)** Assistant Director Property DATE:10/03/2017 |

Nru. 1150

## AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Id-19 ta' Ottubru, 2017

(File No. L1713/60/I)

*Deskrizzjoni tal-Art*

L-art li ġejja f'Tal-Qroqq, L-Imsida:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 227 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Università ta' Malta jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tikkonsisti fi sqaq li hu meħtieġ li jiġi akkwistat minħabba proġett ta' residenzi fl-Università u ċentru għall-kommunità.

L-art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 2017_0204, li wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Il-Belt Valletta.

Il-kumpens offrut għal biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000), skont l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-Perit Arkitett Dennis Camilleri, A&CE.

No. 1150

## ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

19th October, 2017

*Description of the Land*

The following land at Tal-Qroqq, Msida:

A plot of land measuring about 227 square metres, bounded on the North, North West and South by property of the University of Malta or more precise boundaries.

The above-mentioned land consists of an alley which is required to be acquired due to a residential project at the University and a community centre.

The land is shown delineated with the colour red on plan P.D. No. 2017_0204, which may be viewed on demand at the office of the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned land is one hundred and thirty five thousand Euros (€135,000), according to the valuation with this declaration made by Architect Dennis Camilleri, A&CE.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) L-Imħallef Emeritu C. Farrugia Sacco
*Chairman Awtorità tal-Artijiet*

Is-17 ta' Ottubru, 2017

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 11,644.

**Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)**

*Art fl-Imsida*

**Valutazzjoni ta' porzjon ta' art f'Tal-Qroqq, limiti tal-Imsida, meħtieġa għal finijiet ta' esproprjazzjoni għal skopijiet pubbliċi.**

Fuq inkarigu taċ-*Chairman* tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Tal-Qroqq, limiti tal-Imsida, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 227 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Università ta' Malta jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru 2017_0204, hija stmata għall-valur ta' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000)

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li kien ġie magħmul minni fit-30 ta' Awwissu, 2017. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Dennis Camilleri, A&CE

It-30 ta' Awwissu, 2017

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Judge Emeritus C. Farrugia Sacco
*Chairman Lands Authority*

17th October, 2017

This site plan is being published on page 11,644.

**Architect's Valuation (Original in Maltese)**

*Land at Msida*

**Valuation of a portion of land in Tal-Qroqq, limits of Msida, required for expropriation purposes for public purposes.**

As directed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property described hereunder at Tal-Qroqq, limits of Msida, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property

A plot of land measuring about 227 square metres, bounded on the North, North West and South by property of the University of Malta or more precise boundaries, is shown in red on plan P.D. No. 2017_0204, is valued for one hundred and thirty five thousand Euros (€135,000)

Note This is an extract of the original made by myself on the 30th August, 2017 The extract of the report is being made so that it will be included and published with this declaration.

(Sgd) Architect Dennis Camilleri, A&CE

30th August, 2017


This is an official document for Land Registry use only
Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet
MSIDA
Ta' Għjalpos
Ta' San Ġwann
L-UNIVERSITA' TA' MALTA
Gvern ta' Malta
Reġistru ta' l-Artijiet
Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta
Government of Malta
Land Registry
Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta
Pjanta tas-Sit 1:2500 Site Plan
Pożizzjoni Ċentrali: x = 53145 y = 73440
Centre Coordinates
Nru tal-Mappa: 32912 M
Map Number
Parti min S.S. 5273
Extracted from S.S.
Data: 29/05/2017
Date
Qies (metri kwadri):
Area (square metres):
227m² circa
Perit:
Architect:
Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:
Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:
Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Dritt imħallas
Fee Paid
0 10 20 30 40 50m
Scale 1:500
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY
IDENTITY MALTA